QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 1784/99DM

Blye Engineering Co Ltd

Vs

Desmond u Helen Lorna konjugi Falzon

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi permezz ta' liema talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ta' "air-conditioner" lilhom mibjugh u kkonsenjat skond il-fattura numru 000755 tal-15 ta' Gunju 1998 (Dok A).

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Settembru 1999 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Desmond u Helen Lorna konjugi Falzon fejn eccipew illi:

1 It-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan stante illi l-"air conditioner" in kwistjoni qieghed jghamel hafna hoss u ghalhekk mhuwiex skond il-kundizzjonijiet pattwiti.

Rat id-digriet tas-7 t' April 2000 fejn gie nominat bhala perit tekniku lil Peter Bonello in segwitu issostitwit mill-Engineer Carmelo Cuschieri.

Rat ir-relazzjoni tal-Engineer Carmelo Cuschieri pprezentata fl-10 ta' Mejju 2002.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Billi l-eccezzjoni fil-mertu kif sollevata mill-konvenuti hija wahda ta' natura purament teknika l-Qorti nnominat bhala espert tekniku lill-Engineer Carmelo Cuschieri li pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-10 ta' Mejju tas-sena 2002.

F'din ir-relazzjoni l-espert tekniku kkonkluda illi l-unit in kwistjoni kien qieghed jiggenera hoss ta' livel normalment accettabli u ghalhekk ma gietx ippruvata l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti illi l-unit lilhom mibjugh kien qieghed jiggenera hoss eccessiv li kien jintitolhom ma jhallsux il-prezz.

Ghaldaqstant fil-waqt li tadotta u tghamel taghha il-konkluzzjonijiet peritali teknici l-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejnithom sabiex jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm370 (tlett mija u sebghin lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Dicembru 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

....................................................
Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
Civil 43